## KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

### AGENDA NUMRU 4 – 14 ta' Mejju 2012

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' b' urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.00 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 4. Il-laqgħa bdiet fis-6.15pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Ħadd | |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |

Pubbliku: Għal-laqgħa kien hemm preżenti l-Events u Marketing Coordinator, Dr. Massimo Ellul. Kien hemm is-sur Emanuel Agius preżenti bħala pubbliku. Preżenti wkoll kien hemm crew ta' Net TV.

### 1. TOROQ ĦAL-MULA

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti rringrazzja lill-Kunsilliera tal-attendenza tagħhom u skuża ruħu għall-urġenza tal-laqgħa. Huwa qal li kif jistgħu jikkonfermaw il-Kunsilliera li servew fil-leġislatura preċedenti huwa ma kienx soltu jagħmel hekk ħlief f' okkażjoni waħda fejn kien hemm bżonn jiġi assenjat tender, imma l-iżviluppi tal-aħħar jiem kienu jirrikjedu din il-laqgħa sabiex jitlob il-kunsens tal-Kunsilliera sabiex jiddeċiedu l-mod kif se jimxu l-quddiem. Is-Sindku Alfred Grixti qassam risoluzzjoni lill-Kunsilliera (Dokument A).

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Ġimgħa filgħodu l-Kunsill ġie nfurmat li crew tan-Net Tv kienet se tmur Ħal Mula sabiex tagħmel servizz dwar l-istat tax-xogħolijiet taħt l-iskema tal-PPP f' Hal Mula. Is-Sindku spjega li huwa ta' struzzjonijiet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħmel kuntatt mal-kamra tal-aħbarijiet u jgħidilhom li għalkemm il-Kunsill ma kellu xejn kontra li jsir is-servizz, il-Kunsill kien qiegħed jitlob li allinqas jingħata ċ-ċans li jagħti l-verżjoni tiegħu tal-kwistjoni. It-tweġiba kienet li s-servizz kien se jsir xorta u jekk il-Kunsill ried se jagħmel right of reply. Il-Ħadd filgħaxija dan is-servizz deher u b' dispjaċir jgħid li dan is-servizz jagħti l-impressjoni li l-Kunsill kien hu li waqqaf ix-xogħolijiet milli jitkomplew. Is-Sindku għamel referenza għal punt 7 tal-minuti ta' Aġenda 2, fejn huwa spjega li matul dik il-laqgħa ġiet spjegata eżattament is-sitwazzjoni mal-kuntrattur u b' deċiżjoni unanima l-Kunsill iddeċieda li minħabba li l-kuntrattur kien qiegħed jonqos mid-dmirijiet tiegħu u ma kienx qiegħed jonora l-kuntratt, il-Kunsill ġibidlu l-performance guarantee.

1.3. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fl-ebda ħin u fl-ebda mument ma kien il-Kunsill li waqqaf lill-kuntrattur, u fl-ebda ħin u fl-ebda mument ma kien il-Kunsill li qallu biex ma jkomplix. Anzi il-Kunsill qiegħed jagħmel l-almu kollu tiegħu sabiex ix-xogħol jitkompla fl-inqas żmien possibli. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li l-Kunsill ipprova jasal bil-kelma t-tajba. Is-Sindku qalli jieħu gost jirreġistra l-fatt li l-Kunsill b' mod unanimu iddeċieda li jieħu l-azzjonijiet li ħa fil-konfront tal-kuntrattur, u għal kuntrarju ta' dak li ġie rrapurtat il-Kunsill qatt ma waqqaf ix-xogħolijiet, anzi qiegħed jagħmel l-almu tiegħu għax il-Kunsill jifhem l-inkonvenjent tar-residenti u ma jistgħux jibqgħu jgħix f' din is-sitwazzjoni.

1.4. Is-Sindku Alfred Grixti spejga li sussegwentament tal-laqgħa li saret mal-kuntrattur, il-Kunsill kien qiegħed jitlob li l-kuntrattur jgħaddi lista tal-affarijiet li għandu bżonn mill-Kunsill sabiex ikun f' pożizzjoni li jagħmlu proposta ta' meta se jiġu jkomplu x-xogħolijiet sabiex din il-proposta tiġi diskussa mill-Kunsill u jiġi deċiż hux aċċettabli jew le. Is-Sindku spjega li sa nhar il-Ġimgħa din il-lista kienet għada ma waslietx u dan ivverifikah mal-Perit tal-Kunsill.

1.5. Is-Sindku Alfred Grixti qal li ffaċjat b' din is-sitwazzjoni huwa ddeċieda li jlaqqa' l-Kunsill, mhux biex iwieġeb lil xi stazzjoni partikolari tal-aħbarijiet, imma biex hekk kif qiegħed jipproponi fir-risoluzzjoni, il-Kunsill jagħti l-fakulta lis-Sindku u lis-Segretarju biex ikomplu għaddejjin fl-azzjonijiet legali u l-kuntatti mal-kuntrattur, kif ukoll sabiex jingħataw il-permess tal-Kunsill sabiex jintużaw l-mezzi legali kollha sabiex il-pożizzjoni tal-Kunsill tkun magħrufa qalb in-nies kif ukoll sabiex jekk il-pożizzjoni tal-Kunsill ma ġietx irrapurtata sewwa fil-media, tiġi rrapurtata sew. Is-Sindku Alfred Grixti qara r-risoluzzjoni.

1.6. Il-Kunsillier Philip Said talab li flok il-kelma "xxejjen" tintuża l-kelma "tiċċara". Is-Sindku Alfred Grixti ressaq emenda sabiex paragrafu numru 2 isir jaqra hekk; "Jagħti l-fakolta meħtieġa sabiex is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali jużaw kull mezz neċessarju u skond il-liġi sabiex tinforma lir-residenti u l-pubbliku in generali dwar ħidmet-il Kunsill fuq din is-sitwazzjoni." Kien hemm qbil dwar din l-emenda.

1.7. Il-Kunsillier Roderick Aquilina talab li jkun jaf meta kellhom jitlestew dawn it-toroq; jekk kienx hemm fil-kuntratt affarijiet oħrajn li l-Kunsill seta jagħmel qabel ma ġibed il-performance bond; x' kien l-eżitu tal-laqgħa li kien hemm mal-kuntrattur; jekk hemm'x Kunsilliera preżenti li kienu mas-Sindku għal-laqgħa mal-kuntrattur, għax ħafna mill-Kunsilliera ma jafux x' ġara f' dik il-laqgħa għax ħadd ma kien preżenti. Il-Kunsillier Aquilina fakkar li fl-aħħar laqgħa huwa talab li jkun preżenti għal-laqgħat simili peress li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu tal-affarijiet rurali u jħoss li Kunsilliera oħra għandhom ikunu preżenti bħal Viċi Sindku li huwa responsabli mit-toroq rurali.

1.8. Is-Sindku spjega li l-Kunsilliera ġew infurmati bl-eżitu tal-laqgħa mal-kuntrattur fil-laqgħa tat-3 ta' Mejju fejn hu ta' rendikont tal-laqgħa mal-kuntrattur, u ma jistax jaċċetta li xi ħadd jgħid li l-Kunsilliera ma kienux infurmati għad dan ma kienx korrett.

1.9. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fuq id-data tat-tmiem tax-xogħolijiet hija marbuta fuq ħewġ affarijiet. Is-Sindku spjega li l-kuntratti tal-PPP jgħidu li x-xogħolijiet iridu jkunu lesti fi żmien sena mill-iffirmar tal-kuntratt, u b' hekk id-data tiġi l-11 ta' Jannar 2012. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur kien qiegħed jgħid li peress li x-xogħolijiet bdew fit-3 ta' Ġunju 2011 minħabba li l-permessi damu ma ħarġu minħabba xogħolijiet, id-data tat-tmiem tax-xogħolijiet għandha tkun it-3 ta' Ġunju 2012. Is-Sindku Alfred Grixti spjega l-proċess tal-applikazzjonijiet mal-entitajiet u r-rikjesti tagħhom għal xogħolijiet. Is-Sindku Alfred Grixti li qal li anke jekk wieħed għandu jieħu it-3 ta' Gunju bħala data tat-tmiem tax-xogħolijiet il-kuntrattur xorta waħda jidher li ma kienx se jlesti.

1.10. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-kuntrattur qiegħed jitlob li l-ewwel jingħata s-somma tal-performance guarantee u wara jibda bix-xogħolijiet, imma hekk kif qal il-Kunsillier Aquilina stess fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill ma kienx se jirrilaxxa l-ammont tal-performance guarantee qabel ma jitlestew ix-xogħolijiet.

1.11. Is-Sindku Alfred Grixti qal li sal-ġurnata tal-laqgħa l-kuntrattur kien għadu ma ressaqx pjan li fih jindika meta kien se jiġi jkompli bix-xogħolijiet.

1.12. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għall-fatt li meta fi Frar il-kuntrattur kien waqaf bix-xogħolijiet, il-kuntrattur kien qallu li waqaf minħabba l-maltemp u minħabba li l-plant kien bil-ħsara, iżda rriżulta li l-

ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet ma kienet vera għax l-kuntrattur kompla bix-xogħol fi bnadi oħrajn, u l-Kunsill saħansitra kien iċċekja b' mod anonimu setgħax jixti tarmac mingħandu u dan qalu li fi żmien tlett ijiem kien ħa jkollu tarmac. Is-Sindku spjega li kien fid-dawl ta' dawn l-affarijiet li wasslu lill-Kunsill jikkunsidra li jiġbed il-performance guanratee lill-kuntrattur.

1.13. Is-Sindku Alfred Grixti qal li d-delegazzjoni tal-Kunsill li kienet preżenti għal-laqgħa mal-kuntrattur kienet magħmula min-nies tekniċi tal-Kunsill. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li kien hemm min ma kienx tekniku u kien preżenti. Is-Sindku Alfred Grixti ċaħad dan u qal li għal-laqgħa kien hemm preżenti l-addetti kollha tal-Kunsill. Is-Sindku qal li m' għandux problema li jattendi l-Kunsillier Aquilina għal-laqgħat simili, imma ma jistax ikun li jattendu l-Kunsilliera kollha, filwaqt li rrimarka wkoll li matul dawn il-laqgħat min jattendi jrid joqgħod ħafna fuq dak li jgħidu l-Perit u l-Avukat.

1.14. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li tkun taf jekk il-Kunsill kien għamel kundizzjonijiet ta' multi lill-kuntrattur. Is-Sindku wieġeb li dawn hemm kienu u kienu standard. Is-Sindku spjega li l-ewwel kien hemm il-performance bond li tista tissarraf, kien hemm id-default notices, kif ukoll il-multi ta' 2%. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li tkun taf jekk kien hemm iċ-ċans li l-Kunsill jagħti lura dan l-ammont ta' flus lill-kuntrattur. Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur kien qiegħed jitlob hekk, iżda biex il-Kunsill jiddeċiedi li jagħmel dan, il-kuntrattur irid jagħti assigurazzjonijiet lill-Kunsill fuq ix-xogħolijiet li għad fadal.

1.15. Il-Viċi Sindku talab li jiddaħlu xi emendi fir-risoluzzjoni tas-Sindku. Is-Sindku wieġeb li dawn l-emendi huma ġa nklużi fir-riżoluzzjoni oriġinali.

1.16. Il-Kunsillier Roderick Aquilina saħaq fuq l-importanza li tiġi determinata sew liema hi d-data li fiha suppost kellhom ikunu lesti x-xogħolijiet. Is-Sindku spjega li fil-kuntratt hemm Jannar 2012 u jekk il-Kunsill irid ikun litiġjuż jista jieħu din id-data, iżda jekk il-Kunsill b' rieda tajba jaċċetta dak li qiegħed jitlob il-kuntrattur, il-kuntrattur xorta qiegħed tard.

1.17. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa talab parir lis-Sur Camilleri, Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Finanzi fuq is-sitwazzjoni li għadda l-mistoqsijiet tiegħu lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti li qal li l-Kunsill kellu l-ewwel jassigura li qiegħed jirrispetta l-kundizzjonijiet kollha tal-kuntratt u jekk il-Kunsill iħoss li għandu jwaqqaf lill-kuntrattur, il-Kunsill sabiex jassenja dan ix-xogħol irid joħroġ sejħa ġdida għall-offerti. Is-Sindku qal li l-kuntratt jispeċifika li f' każ simili l-kuntrattur l-ġdid li jiġi mqabbad mill-Kunsill jagħmel ix-xogħol a spejjeż tal-kuntrattur oriġinali.

1.18. Il-Viċi Sindku Thomas Agius għamel referenza għall-kompożizzjoni tad-delegazzjoni li tmur tiltaqa' mal-kuntrattur. Il-Viċi Sindku rringrazzja lill-

Kunsillier Roderick Aquilina tal-fiduċja. Huwa spjega li għandu fiduċja fil-Kunsill kollu. Il-Viċi Sindku qal li s-Sindku semma li d-delegazzjoni tkun magħmula minn persuni tekniċi. Il-Viċi Sindku spjega li l-kelma tekniku ġġib magħha ċerta responsablità u jemmen li l-Kunsill kollu huwa responsabli, jiġifieri ma jaċċettax li xi ħadd jgħidlu li ma jistax jiġi għax mhux tekniku għax fl-aħħar mill-aħħar ir-responsabilta taqa fuqhom bħala Kunsilliera.

1.19. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li jaqbel li l-Kunsill hwa responsabli u spjega li huwa qatt ma ħa deċiżjoni waħdu qabel ma rraporta lill-Kunsill. Is-Sindku spjega li meta uża l-kelma tekniċi kien qiegħed jirreferi għall-avukat u għall-perit. Is-Sindku spjega li waqt il-laqgħa huwa ma ħax deċiżjonijiet, anzi rraporta lill-Kunsill u d-deċiżjonijiet ittieħdu fuq il-pariri tal-persuni tekniċi mill-Kunsill.

1.20. Il-Kunsillier Aquilina qal li huwa għalhekk tal-idea li jkun hemm iktar Kunsilliera preżenti ħalli d-deċiżjonijiet jkunu aktar infurmati għax minn dak li jkun ġara waqt il-laqgħa għal dak li jingħad fil-Kunsill, is-Sindku ma jgħidx kollox u jagħti summary. Is-Sindku oġġezzjona għal dan il-kumment u qal li jekk il-Kunsillier Aquilina qed jipprova jagħti x' jifhem li hu ħeba xi ħaġa, kien ħa joġġezzjona. Il-Kunsillier Aquilina qal li huwa ma ridx ifisser hekk. Is-Sindku qal li minn laqgħa ta' sagħtejn huwa jirraporta l-affarijiet importanti u l-eżitu.

1.21. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa m' għandu l-ebda oġġezzjoni li jkun hemm Kunsilliera parti mid-delegazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Robert Tabone saqsa fuq liema bażi għandu jintgħażel liema Kunsilliera jattendu. Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li kull min irid jista jattendi. Is-Sindku qal li dan mhux possibli. Il-Kunsillier Robert Tabone qal li fl-opinjoni tiegħu kull min jattendi irid ikun approvat mill-Kunsill.

1.22. Il-Kunsillier George Cortis qal li jekk jista' jkun il-Kunsill għandu jilħaq xi forma ta' ftehim mal-kuntrattur ħalli x-xogħol jitkompla kemm jista jkun malajr. Il-Kunsillier Cortis qal li jekk il-Kunsill jara li d-data mhux aċċettabli il-Kunsill irid jieħu azzjoni. Il-Kunsillier Cortis kompla billi għamel referenza għat-tieni laqgħa meta ttieħdet id-deċiżjoni unanima li l-Kunsill jiġbed il-performance guarantee u qal li min ivvota favur dakinhar ma jistax ma jivvutax favur din ir-risoluzzjoni. Il-Kunsillier Cortis qal li l-Kunsill għandu jħares l-interess taż-Żebbuġin. Il-Kunsillier George Cortis talab li l-laqgħa tiġi sospiża għal ftit ħin sabiex ikun jista jikkonsulta ma' sħabu l-Kunsilliera. Il-laqgħa ġiet sospiża fis-7.15pm.

1.23. Il-laqgħa tkompliet fis-7.30pm.

1.24. Il-Kunsillier George Cortis qal li l-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista jaqblu mar-riżoluzzjoni tas-Sindku kif emendata u qegħdin jipproponu li ssir

konferenza stampa fuq il-post biex jiġu nfurmati r-residenti. Is-Sindku Alfred Grixti qal li r-risoluzzjoni tipprevedi li ssir konferenza stampa. Il-Kunsillier Philip Said qal li peress li l-Kunsill qiegħed jassumi r-responsabiltà kollettivament allura l-Kunsilliera kollha għandhom ikunu preżenti għal din il-konferenza.

1.25. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-mozzjoni sabiex ir-riżoluzzjoni tiġi approvata hekk kif emendata. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk Favur:** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, Philip Said.

**Dawk Kontra:** Ħadd

**Astensjonijiet:** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (17).

1.26. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li l-konferenza ssir f' ġurnata li jkunu jistgħu l-Kunsilliera kollha. Is-Sindku spjega li l-Kunsill huwa ristrett minħabba l-preżenza tal-media.

1.27. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-ewwel pass issa kien li l-Kunsill jikteb lill-Awtorità tax-Xandir sabiex il-Kunsill jingħata r-right of reply skond il-liġi tax-xandir. Is-Sindku Alfred Grixti qal li jekk il-crew tan-Net TV li aktar kmieni kienet preżenti għal-laqgħa jirrapurtaw sew dak li ntqal fil-Kunsill huwa ma jarax lok li l-Kunsill ikompli għaddej fl-azzjoni tiegħu mal-Awtorità tax-xandir.

1.28. Il-Kunsillier Cain Grech qal li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill xorta kellu jmur għand l- Awtorità tax-Xandir ħalli l-Kunsill ikun ċert li l-mesaġġ li ħa joħroġ, joħroġ żgur kif irid il-Kunsill.

1.29. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jibgħat ittra lir-residenti jinfurmahom fuq is-sitwazzjoni.

1.30. Is-Sindku Alfred Grixti kkonkluda l-laqgħa billi stieden lill-Kunsilliera sabiex jibqgħu wara l-laqgħa għall-ftuħ tat-tenders tat-toroq taż-żona tal-Grazzja.

1.31. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 5 ta' Ġunju fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fl-7.50pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti<br>Sindku | Christopher Formosa<br>Segretarju Eżekuttiv |

Dan il-Kunsill Lokali jinnota illi :

a. Wara li x-xogholijiet relatati mal-kuntrattur inkarigat mit-tlestija tat-toroq residenzjali ta' Hal-Mula ghadhom m'humiex jilhqu l-aspettattivi ta' dan il-Kunsill, kemm fejn tidhol kwalita ta' xoghol u kif ukoll fejn jidhlu d-dewmien esagerat sabiex jitlestew dawn ix-xogholijiet, u
b. Konxji mill-fatt li dan id-dewmien zejjed min-naha tal-kuntrattur qed iwassal ghal tbatijiet kbar u periklu ghar-residenti ta' din iz-zona partikolari u li qed taffetwa b'mod negattiv sahhet iz-Zebbugin
c. Konxji wkoll mill-fatt li l-pubbliku in generali, izda b'mod specjali il-poplu Zebbugi, ghandu jkun dejjem aggornat b'informazzjoni preciza u ezatta fuq kif il-Kunsill Lokali ilu ghal dawn l-ahhar sitt xhur jiddefendi l-interessi ta' Hal-Mula minn dan l-agir kundannabbli tal-kuntrattur in kwistjoni

Dan il-Kunsill Lokali jirrisolvi illi :

1. Jaghti l-fakolta mehtiega sabiex is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali jkomplu jipprocedu mal-kuntrattur in kwistjoni sabiex, bl-ghodda kollha li taghti l-ligi Maltija, jigu salvagwardjati l-interessi kemm tal-Kunsill Lokali u kif ukoll tar-residenti ta' Hal-Mula sabiex dan l-inkonvenjent ghaz-zona milquta tigi solvuta mill-aktar fis possibbli u b'livell gholi kif stabbilit mill-istess dokumenti tat-tenders in kwistjoni.
2. Jaghti l-fakolta mehtiega sabiex is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali juzaw kull mezz necessarju u skond il-ligi sabiex tinforma lir-residenti u l-pubbliku in generali dwar hidmet-il kunsill fuq din il-problema serja u, oltre minn hekk, li xxejjen ukoll xi inezattezzi relatati ma' din il-problema serja.
3. Jaghti l-fakolta mehtiega sabiex is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali jispjegaw lill-mezzi kollha tax-Xandir il-verita kollha relatata ma' dan il-kaz partikolari li huwa ta' nkonvenjent kbir ghar-residenti Zebbugin.